MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 21/2023 LM

**Paul Camilleri (K.I. nru. 611760M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

i) **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** *('l-appellat')*
**ii) Avukat tal-Istat, u b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 2023 l-Avukat tal-Istat ġie estromess**

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Paul Camilleri (K.I. nru. 611760M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], fil-11 t'Awwissu, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda t-talbiet tiegħu kontra l-

intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kif ġej:

> *"Illi fid-dawl ta' dak kollu li jirriżulta mill-proċess l-Arbitru jikkonferma d-deċiżjoni tad-DSS tal-10 ta' Novembru, 2022 stante li l-appellant naqas milli jressaq dawk il-provi neċessarji sabiex isostni l-appell minnu intavolat."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent fl-10 ta' Novembru, 2022, l-appellant ġie infurmat li t-talba tiegħu sabiex jibda jingħata 'Pensjoni Kontributorja' ġiet aċċettata, u li kien ġie awtorizzat ħlas lilu bir-rata ta' €160.04 fil-ġimgħa b'effett mill-1 ta' Settembru, 2022, flimkien ma' xi *bonuses* addizzjonali. Ir-rikorrent ikkontesta r-rata tal-pensjoni maħduma abbażi tal-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-siġurta soċjali mħallsa minnu tul is-snin, kif ukoll abbażi tad-dħul tiegħu fl-aħjar għaxar snin tal-ħajja lavorattiva tiegħu.

3. Id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb fil-21 ta' Diċembru, 2021 li r-rikorrent kellu xi snin b'kontribuzzjonijiet nieqsa, u dawn affettwaw l-intitolament tiegħu għall-pensjoni. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega wkoll li ladarba r-rikorrent huwa *self-employed,* il-pensjoni tiegħu tiġi kkalkulata fuq għadd aktar ta' snin sabiex jinħadem id-dħul pensjonabbli.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni appellata, l-Arbitru ddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-Arbitru:*

*Wara li ra:*

*L-Appell ta' Paul Camilleri li wasal fl-uffiċċju tal-Arbitru fl-għaxra (10) ta' Novembru, 2022;*

*Ir-risposta tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali "DSS" datata wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru, 2022;*

*Sema' x-xhieda tal-appellant;*

*Sema' lir-rappreżentant tad-DSS;*

*Ħa nota tad-dokumentazzjoni esebita;*

***Fatti fil-Qosor:***

*Illi l-Appellant intavola dan l-appell stante li ma qabilx mad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali kwantu jirrigwarda r-rata tal-pensjoni fil-ġimgħa li ġie allokat stante li jsostni li huwa dejjem ħallas il-bolli u fl-aħħar għaxar (10) snin kellu dħul għoli.*

*Illi għalhekk talab reviżjoni.*

*L-appellat laqa' għal din il-kontestazzjoni billi spjega li, kif jirriżulta mill-iskeda annessa mar-risposta tiegħu, l-appellant għandu diversi kontribuzzjonijiet nieqsa u apparti minn hekk, fil-każ ta'* self-employed*, il-perijodu meħud in konsiderazzjoni huwa ta' aktar minn għaxar (10) snin u għalhekk hemm perijodi fejn l-appellant għandu snin fejn ma ddikjara l-ebda dħul.*

*Illi konsegwenza ta' hekk ir-rata ta' pensjoni li jirċievi fil-ġimgħa hija waħda ġusta.*

***Kunsiderazzjonijiet***

*Illi dan huwa każ ibbażat fuq fatti.*

*L-appellant ma pproduċa ebda dokument jew offra xi spjegazzjoni li tmur kontra dak li jirriżulta mill-iskeda annessa mar-risposta tal-appellat.*

***Decide***

*Illi fid-dawl ta' dak kollu li jirriżulta mill-proċess l-Arbitru jikkonferma d-deċiżjoni tad-DSS tal-10 ta' Novembru, 2022 stante li l-appellant naqas milli jressaq dawk il-provi neċessarji sabiex isostni l-appell minnu intavolat."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrent fil-11 ta' Settembru, 2023, huwa spjega kif ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata, u beda billi ta sunt tal-fatti li seħħew qabel ma applika għall-Pensjoni Kontributorja. Ir-rikorrent spjega li huwa beda l-ħajja lavorattiva tiegħu fl-1979 bħala impjegat tal-Kurja Arċiveskovili fl-*Accounts Department*, u huwa dejjem ħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u ddikjara d-dħul kollu tiegħu. Qal li huwa għamel hekk ukoll meta kien impjegat ma' Pantalesco Limited. Spjega li fis-sena 2004, huwa fforma kumpannija privata tiegħu, fejn hu kien indikat bħala *sole shareholder* u impjega ruħhu mal-kumpannija tiegħu stess. Qal li huwa kellu aktar minn wieħed u ħamsin fil-mija (51%) tal-ishma tal-kumpannija, u għalhekk kien iħallas il-kontribuzzjonijiet tal-NI bħala *self employed,* billi kien iħallas il-massimu ta' Class 2 bħala *self-employed.* Spjega li llum huwa għandu l-età ta' tlieta u sittin (63) sena, u irtira mix-xogħol fl-età ta' tnejn u sittin (62) sena. Qal li meta rċieva l-ewwel ħlas tal-pensjoni tiegħu, huwa nduna li kien irċieva rata ta' pensjoni li ma tirriflettix il-kontribuzzjonijiet imħallsa minnu tul is-snin. Qal li kien għalhekk li huwa għamel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fejn qalulu biex iressaq appell quddiem l-Arbitru. Qal li l-appell in kwistjoni inkiteb mill-uffiċjali tad-Dipartiment u mhux minnu, iżda ġie sottomess f'ismu. L-appellant qal li huwa qatt ma rċieva r-risposta tad-Direttur Ġenerali appellat għall-appell tiegħu, u sar jaf bil-pożizzjoni tal-appellat dakinhar li saret is-seduta tal-appell quddiem l-Arbitru. L-appellant qal li quddiem l-Arbitru l-pożizzjoni tiegħu baqgħet li huwa kien ilu jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal aktar minn ħamsa u tletin sena, u li hu dejjem iddikjara d-dħul

tiegħu, filwaqt li sostna li l-pensjoni tas-sigurtà soċjali li qiegħed jirċievi hija ferm anqas mill-kontribuzzjonijiet li ħallas.

6. F-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qal li fil-każ odjern hemm żball tal-liġi proċedurali, għaliex huwa qatt ma rċieva r-risposta tad-Dipartiment u lanqas ma rċieva l-iskeda annessa mar-risposta li jagħmel riferiment għaliha l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk ma setax jilqa' għad-difiża tad-Direttur Ġenerali appellat. Kompla jgħid li huwa ma ngħatax smigħ xieraq għaliex saret biss seduta waħda ta' għaxar minuti fit-13 t'April, 2023, u talab li jkun awtorizzat jesebixxi d-dokumenti relattivi għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li sar minnu, flimkien mal-FS3s tiegħu, sabiex juri li huwa dejjem iddikjara d-dħul tiegħu u dan *ai termini* tal-artikolu 150 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant qal li l-Arbitru kellu l-obbligu li jħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u tal-ekwità, u li jassigura li l-jeddijiet tiegħu jiġu mħarsa, inkluż il-prinċipju tal-*audi alteram partem.* Qal li fid-deċiżjoni appellata hemm miktub li l-Arbitru sema' lill-appellant, imma m'hemmx miktub x'xehed Paul Camilleri, u l-argumenti li huwa għamel sabiex isostni l-appell tiegħu. Qal li l-Arbitru straħ fuq ir-risposta tad-Dipartiment u fuq l-iskeda annessa mal-appell, u waqaf hemm. Hawnhekk l-appellant għamel riferiment għal dak li kitbu l-awturi Wade & Forsyth fil-ktieb *Administrative Law*[1], u qal li l-Arbitru kellu jikkunsidra l-evidenza kollha sottomessa minn kull parti, jinforma lil kull parti bl-evidenza kkunsidrata minnu, jippermetti li jsiru domandi lix-xhieda, u jippermetti sottomissjonijiet u domandi dwar l-evidenza u l-argumenti sollevati dwar il-każ.

[1] Paġna 538, Oxford University Press, 7th Edition.

7. It-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti fin-nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li d-deċiżjoni tal-Arbitru mhijiex ibbażata fuq punt ta' liġi skont il-Kap. 318, apparti li hija arbitrarja u mingħajr motivazzjoni, għaliex l-Arbitru ma kellux quddiemu l-fatti kollha, jiġifieri l-allegati kontribuzzjonijiet nieqsa jew indikazzjoni ta' għal liema snin kienu. Qal li mhuwiex ikkontestat li għas-snin 2011, 2012, 2013, 2014, 2015 u 2016 huwa ma ħallasx il-kontribuzzjonijiet dovuti minnu, imma minkejja dan huwa xorta waħda għandu l-minimu rikjest mil-liġi, jiġifieri ħlas ta' kontribuzzjonijiet għal ħamsa u tletin (35) sena, li jiġu elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin (1,827) kontribuzzjoni mħallsa. Qal li dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ, u għandu jirriżulta li huwa għandu jirċievi madwar €1,200 f'pensjoni skont id-dħul iddikjarat minnu, u r-rata tal-pensjoni tiegħu għandha tinħadem fuq l-aħjar tliet snin fl-aħħar tlettax-il sena, fejn huwa dejjem iddikjara dħul ta' aktar minn għoxrin elf Euro (€20,000).

8. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll bil-parti tad-deċiżjoni appellata fejn l-Arbitru qal li huwa naqas milli jressaq il-provi sabiex isostni l-appell intavolat minnu, jew li dan huwa każ ibbażat fuq fatti, għaliex min-naħa tiegħu huwa spjega li huwa ħallas aktar minn ħamsa u tletin sena kontribuzzjonijiet, u għalhekk jilħaq il-minimu rikjest mil-liġi, u barra minn hekk huwa dejjem ħallas l-ogħla kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali. Qal li mhux minnu li huwa ma ddikjarax id-dħul tiegħu kif juru l-FS3s li għandu f'idejh id-Dipartiment, u barra minn hekk id-Dipartiment ma ġabx prova li l-appellant ma ħallasx il-kontribuzzjonijiet jew ma ddikjarax id-dħul tiegħu, filwaqt li l-appellant għadu sprovvist mill-iskeda li jirreferi għaliha l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu. L-

appellant qal li għalhekk l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma applika l-liġi kif kien mistenni minnu.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma, u qal li ma jeżistu l-ebda raġunijiet gravi skont il-ġurisprudenza sabiex din il-qorti ta' reviżjoni tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Arbitru. Qal li s-sistema tal-Arbitru hija sistema *online,* u għalhekk is-servizz.gov joffri faċilità lil min ikollu xi diffikultà jissottometti xi formula *online.* L-appellat qal li fil-każ odjern id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata mill-appellant innifsu, u kien l-appellant li għażel li ma jkunx rappreżentat waqt il-proċeduri quddiem l-Arbitru. Żied jgħid li fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant indika li kien qiegħed iressaq dan l-appell f'ismu stess. L-appellat qal li l-proċedura *ai termini* tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta hija ben magħrufa, u l-injoranza tal-liġi mhijiex skuża.

10. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellat qal li l-iskeda li jagħmel riferiment għaliha l-Arbitru m'hija xejn għajr skeda fil-liġi nnifisha li abbażi tagħha tinħadem il-pensjoni, u l-injoranza tal-liġi m'għandha sservi tal-ebda skuża. Qal li meta wieħed jikkunsidra l-fatti u l-proċeduri li ntużaw fil-każ odjern, u li dan huwa każ mibni fuq il-kalkolu tal-pensjoni kontributorja, jirriżulta li d-dritt tas-smigħ tal-appellant ġie osservat f'kull stadju. Qal li l-appellant ma jistax jippretendi li ladarba d-deċiżjoni tal-Arbitru mhijiex favorevoli għalih, li nkisirlu d-dritt għal smigħ xieraq. L-appellat qal għandu jirriżulta li l-appellant ressaq l-appell tiegħu fejn seta' jissottometti r-raġunijiet tiegħu, l-Arbitru

semgħu u tah iċ-ċans kollu jressaq tali sottomissjonijiet, u kien l-appellant li naqas milli jipprovdi l-provi neċessarji sabiex jissostanzja l-appell tiegħu. L-appellat qal li għalhekk l-appellant m'għandux jingħata ċ-ċans iressaq provi ġodda f'dan l-istadju, għaliex ma teżisti l-ebda waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-artikolu 150(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għal dan l-iskop. Qal li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħna, li fi stadju ta' appell ma jitressqu l-ebda provi li kienu aċċessibbli u li l-partijiet kienu konxji tagħhom fl-istadju tal-proċeduri quddiem l-Arbitru, u r-rimedju mogħti fl-artikolu 150(1) tal-Kap. 12 għandu jitqies li huwa wieħed eċċezzjonali. L-appellat qal li għalhekk l-Arbitru kien ġust, korrett u ekwu kemm proċeduralment kif ukoll moralment fid-determinazzjoni ta' dan il-każ, u dan huwa każ tekniku li ma jirrikjedi l-ebda interpretazzjoni tal-liġi. Qal li lanqas m'huwa minnu li l-Arbitru straħ fuq ir-risposta tad-Dipartiment u fuq l-iskeda u waqaf hemm, għaliex għandu jirriżulta li l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li ra l-appell tal-appellant u sema' x-xhieda tal-istess appellant. Qal ukoll li l-appellant kien selettiv ħafna dwar dan il-punt, u filwaqt li għamel riferiment għall-proċedura tal-Arbitru, naqas milli jagħmel riferiment għall-artikolu 108(7) tal-Kap. 318, li jipprovdi li l-appellant jista' jkun rappreżentat minn persuna tal-fiduċja tiegħu.

11. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat qal li billi l-Arbitru kien dirett u konċiż fid-deċiżjoni tiegħu, dan ma jfissirx li huwa naqas milli japplika l-liġi fid-deċiżjoni tiegħu. Qal li d-deċiżjoni appellata hija bbażata fuq l-artikoli 53 *et seq.* tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittrattaw l-eliġibbilità għall-pensjoni taż-żewġ terzi. Spjega li din hija pensjoni kontributorja li tinħadem fuq medja ta' bolol imħallsa mill-individwu, u huwa fatt mhux

ikkontestat li mill-2011 'il quddiem l-appellant irreġistra dħul għoli mal-awtoritajiet, imma kif ammetta huwa stess, bejn l-2011 u l-2016 ma ħallas l-ebda bolla. Qal li dan kien fattur li naqqaslu konsiderevolment il-medja tal-bolol fl-aħħar tlettax-il sena tal-impjieg tiegħu. L-appellat qal li dan l-appell mhuwiex ibbażat fuq li l-appellant ma ħallasx il-minimu tal-bolol rikjesti mil-liġi, imma għaliex l-appellant mhuwiex jaqbel mal-ammont li qiegħed jirċievi bħala pensjoni kontributorja. Qal li din il-pensjoni tinħadem fuq il-medja tal-bolol fl-aħħar tlettax-il sena, għaliex l-appellant fl-aħħar perijodu tal-ħajja lavorattiva tiegħu kien *self-employed.* L-appellat qal li għalhekk fil-każ tal-appellant kellha tinħadem il-medja ta' kontribuzzjonijiet għall-perijodu bejn is-sena 1978 u l-2011, li ammontat għal 52.24, u medja oħra bejn l-2012 u l-2021, li ammontat għal 26.50 peress li f'dan il-perijodu huwa ma kellu l-ebda kontribuzzjoni mħallsa għal perijodu ta' sitt snin. L-appellat qal li l-appellant ma jistax jippretendi li għax ħallas l-*income tax* u l-VAT, dawn għandhom jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet, għaliex dawn huma obbligi differenti regolati b'liġijiet differenti. L-appellat qal li l-pensjoni kif qiegħed jirċeviha l-appellant, hija korretta u hija bbażata fuq kontribuzzjonijiet imħallsa minnu fis-snin rilevanti.

12. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellat qal li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, korretta u ekwa u li tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Qal li huwa fatt li dan huwa każ ibbażat fuq fatti jew ammont ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew li kellhom jitħallsu mill-appellant tul il-ħajja lavorattiva tiegħu, u l-fatt waħdu li l-appellant ħallas kontribuzzjonijiet għal aktar minn ħamsa u tletin (35) sena, ma jirrendiehx eliġibbli għal pensjoni ogħla minn dik li qiegħed jirċievi, għaliex l-ammont jinħadem fuq formula. L-appellat

qal li donnu l-appellant mhuwiex jifhem id-differenza bejn *income tax,* VAT u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, għaliex qiegħed jibbaża l-argument tiegħu fuq l-FS3s, li jinħarġu lil min ikun impjegat, u mhux lil persuna li taħdem għal rasha, u għalhekk minn dawn l-FS3s ma jidhirx li hemm bolla mħallsa għaliex il-bolla kellha titħallas bħala persuna *self-occupied* billi l-appellant kien direttur ta' kumpannija. L-appellat qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Arbitru hija korretta għaliex hija bbażata fuq l-iskeda *ai termini* tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Novembru, 2023, din il-Qorti ddeċidiet li ladarba l-inkartament tal-proċeduri quddiem l-Arbitru u l-kopja tal-file relattiv tad-Dipartiment fi kwalunkwe każ jiġu allegati mal-atti tal-appell, hija m'għandhiex tordna l-isfilz tad-dokumenti annessi mar-rikors tal-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14 . Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Żball fl-applikazzjoni tal-liġi proċedurali]*

15. L-appellant jgħid li l-Arbitru għamel żball fl-applikazzjoni tal-liġi proċedurali, billi fl-ewwel lok huwa baqa' ma rċeviex kopja tar-risposta tad-Direttur Ġenerali appellat, u lanqas ma rċieva kopja tal-iskeda annessa mar-risposta tad-Direttur Ġenerali appellat. Jgħid li huwa ma ngħatax smigħ xieraq

għaliex l-Arbitru għamel biss seduta waħda ta' għaxar minuti, u minkejja li huwa ppreżenta kopji tad-dokumenti tal-FS3 sabiex jipprova li huwa dejjem iddikjara d-dħul tiegħu, dawn il-fatti u dak li ntqal minnu waqt id-depożizzjoni tiegħu, ma jissemmewx mill-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu. Hawnhekk l-appellant sostna li l-Arbitru straħ fuq ir-risposta tad-Direttur Ġenerali appellat u fuq l-iskeda annessa mar-risposta tiegħu sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, filwaqt li injora l-pożizzjoni tal-appellant.

16. Mill-provi jirriżulta li l-appellant ressaq l-appell tiegħu quddiem l-Arbitru wara li fittex l-għajnuna tal-uffiċjali tas-servizz.gov, li ggwidawh dwar kif għandu jintavola l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat. Fil-fatt fuq ir-rikors tal-appell intavolat mill-appellant hemm indikat ċar li huwa ressaq l-appell fuq l-inizjattiva tiegħu, anki jekk b'xi għajnuna, u għalhekk huwa kien fil-libertà li jgħid x'kienu r-raġunijiet li wassluh sabiex ħassu aggravat, u kien ukoll liberu li jressaq id-dokumentazzjoni kollha li setgħet tgħinu fil-każ tiegħu. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li s-seduti quddiem l-Arbitru ma jkunux twal, u normalment f'seduta waħda jinstemgħu l-provi u s-sottomissjonijiet li jkunu jridu jagħmlu l-partijiet, sabiex l-Arbitru jkun jista' jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Hekk jidher li ġara fil-każ odjern, u l-Qorti ma taqbilx li dan jammonta għal xi ksur tal-jedd fundamentali tal-appellant għal smigħ xieraq. Ladarba saret seduta quddiem l-Arbitru, l-appellant kien fil-libertà li jressaq il-provi tiegħu u li jagħmel sottomissjonijiet in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu. L-iskeda li jsemmi l-appellant u li abbażi tagħha ġiet ikkomputata r-rata tal-pensjoni kontributorja li huwa kellu jibda jirċievi, hija parti mil-liġi u hija informazzjoni pubblika, u għalhekk m'għandux raġun l-appellant jgħid li kien hemm xi informazzjoni li nżammet

mistura minnu jew li huwa ma kienx mgħarraf biha. Min-naħa l-oħra, jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-oneru tal-prova li l-appellant jissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa sabiex jikkwalifika għal ħlas ta' pensjoni kontributorja ogħla, kien jinkombi fuqu, u l-uniċi provi miġjuba minnu jikkonsistu fil-formuli tal-FS3 għal numru ta' snin li iżda ma jindikawx li huwa ħallas il-bolla. Hemm ukoll l-ammissjoni tal-appellant li għal numru ta' snin bejn l-2011 u l-2016 huwa naqas milli jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuta, filwaqt li l-*workings* esebiti mid-Direttur Ġenerali appellat *a fol*. 63 tal-proċess, jindikaw il-metodu li ntuża sabiex ġiet ikkomputata r-rata tal-pensjoni kontributorja li għandha titħallas lill-appellant. Minn dan id-dokument jirriżulta li huwa minnu li bħala medja l-appellant għandu ħamsa u tletin (35) sena ta' bolol imħallsa, imma dan il-fattur waħdu mhux suffiċjenti biex ipoġġieh fuq skala differenti minn dik li qiegħed jitħallas biha fil-preżent. Qabel ma tidħol fil-mertu proprju ta' dan l-appell, il-Qorti trid tippreċiża li ma jirriżultax li f'dan il-każ kien hemm xi nuqqasijiet proċedurali fil-mod kif ġie ttrattat il-każ tal-appellant quddiem l-Arbitru, jew li dan ma ngħatax smigħ xieraq, anzi għall-kuntrarju jirriżulta li l-appellant iddefenda l-pożizzjoni tiegħu għalkemm ma kienx assistit, minkejja li kien mgħarraf li seta' jkun assistit. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta]*

17. L-appellant jgħid li ma ġietx applikata l-liġi l-korretta fil-konfront tiegħu, u saħansitra jgħid li d-deċiżjoni appellata mhijiex ibbażata fuq il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li filwaqt li huwa minnu li huwa m'għandux bolol

imħallsin għas-snin 2011 sa 2016, huwa xorta waħda għandu l-minimu rikjest mil-liġi ta' elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin (1,827) bolol imħallsa fuq medda ta' ħamsa u tletin (35) sena, u l-pensjoni tiegħu għandha tinħadem fuq l-aħjar tliet snin mill-aħħar tlettax-il sena.

18. Il-Qorti tirrileva li l-pensjoni kontributorja tal-appellant kellha tinħadem fuq l-aħjar għaxar snin mill-aħħar tlettax-il sena, u mhux kif sostna hu fuq l-aħjar tliet snin mill-aħħar tlettax-il sena, peress li huwa kien *self-employed.* Jirriżulta li bejn l-2011 u l-2016, l-appellant ma ħallas l-ebda bolol minkejja li ddikjara dħul, u anki ħallas it-taxxa fuq id-dħul, iżda l-fatt li huwa ma ħallasx bolol għal perijodu pjuttost sostanzjali, jfisser li l-medja tal-kontribuzzjonijiet tiegħu għall-aħħar tlettax-il sena tbaxxiet. Il-ħlas tal-VAT u tat-taxxa fuq id-dħul li l-appellant jgħid li ħallas, m'għandhomx x'jaqsmu mal-komputazzjoni tal-pensjoni kontributorja li għandha titħallas lilu. It-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 318, tispjega sew kif jinħadem id-dħul pensjonabbli ta' persuna li taħdem għaliha nnifisha, u fil-każ odjern tapplika l-klawżola (3) li tirregola persuni mwielda fis-snin kalendarji bejn l-1959 sal-1961. Jirriżulta li l-appellant twieled fis-sena 1960.[2] Il-fatti kif seħħew u l-ispjega mogħtija mid-Direttur Ġenerali appellat fil-*workings* murija *a fol.* 63 u 64, jikkonfermaw il-korrettezza tal-komputazzjoni li saret għall-fini tal-kalkolu tal-pensjoni li għandu jirċievi l-appellant, partikolarment meta wieħed iqis li għal perijodu ta' żmien konsiderevoli minn dawn is-snin rilevanti (bejn l-2011 u l-2016) l-appellant ma ħallas l-ebda bolol, u dan naqqas

---

[2] "(3) Fil-każ ta' persuna –

(d) imwielda fis-sena kalendarja 1959 sa 1961 li għandha titqies bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha, il-medja fis-sena tad-dħul nett tagħha li taħdem għaliha nnifisha, il-medja fis-sena tad-dħul nett tagħha li dwarha l-kontribuzzjoni dovuta tkun tħallset matul l-aħjar għaxar snin kalendarji konsekuttivi fl-aħħar tlettax-il sena kalendarja, jew parti minnhom jekk hi ma kinitx taħdem għaliha nnifisha għaż-żmien kollu msemmi ta' tlettax-il sena minnufih qabel ma tirtira jew issir invalida skont dan l-Att."

drastikament il-medja tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minnu fl-aħħar tlettax-il sena tal-ħajja lavorattiva tiegħu. Il-Qorti tqis li in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[Deċiżjoni Svestita mill-fatti]*

19. L-appellant jgħid ukoll li l-ġudizzju mhuwiex ekwu u ġust, għaliex filwaqt li l-Arbitru qal li huwa ma ressaqx provi suffiċjenti sabiex isostni l-pożizzjoni tiegħu, għandu jirriżulta li fil-fatt huwa għandu ħamsa u tletin (35) sena bolol imħallsa, kif ukoll huwa dejjem ħallas l-ogħla rati ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

20. Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-appellant ippreżenta għadd ta' dokumenti anki f'din l-istanza, imkien ma pprova li huwa ħallas l-ogħla rati ta' kontribuzzjonijiet possibbli. Il-fatt li l-appellant iddikjara d-dħul tiegħu u ħallas anki t-taxxa fuq dan id-dħul, bl-ebda mod ma jinċidi fuq il-kontributorjetà tiegħu għall-fini tal-pensjoni li huwa qiegħed jippretendi li għandu jirċievi, għaliex huwa l-ħlas tal-bolol li jinċidi fuq ir-rata tal-pensjoni li jirċievi u l-ebda ħlas ieħor. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**